**FIL-QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT NATASHA GALEA SCIBERRAS B.A., LL.D.**

**Kawża Nru: 106/2011**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Joseph Agius)**

**vs**

**George Frendo**
**(ID 361665(M))**

**Illum: 29 ta' Settembru 2021**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tal-imputat **George Frendo**, ta' 45 sena, iben Alfred u Carmen nee` Camilleri, imwieled il-Marsa, nhar id-29 ta'Ġunju 1965, resident Nru. 36, Triq San Bartolomew, Żurrieq, detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 361665(M);

Akkużat talli f'dawn il-Gżejjer, fil-lejl ta' bejn il-25 u s-26 ta' Settembru 2010 għall-ħabta tas-1.00 hrs ġewwa l-Marsa:

1) Kellu fil-pussess tiegħu d-droga kokaina speċifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, meta hu ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skont id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-liċenzja jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod ieħor bil-liċenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tiegħu u naqas li jipprova li d-droga msemmija ġiet fornuta lilu għall-użu tiegħu skont ir-riċetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regoli tal-1939 dwar

il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939), kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, **liema droga instabet f'tali ċirkustanzi li juru li ma kinitx għall-użu esklussiv tiegħu**;

2) Akkużat ukoll talli huwa reċidiv b'diversi sentenzi tal-Qorti tal-Maġistrati, liema sentenzi ġew definittivi u ma jistgħux jinbidlu.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex f'każ ta' ħtija, barra milli tapplika l-piena skont il-liġi, tordna lill-imputat iħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti, skont l-Artikolu 533(1) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat ukoll illi fis-seduta tad-9 ta' Jannar 2015, il-Prosekuzzjoni talbet <u>korrezzjoni</u> fl-ewwel imputazzjoni miġjuba kontra l-imputat, u dan fis-sens illi kellhom jitneħħew il-kliem '*liema droga nstabet f'tali ċirkostanzi li juru li ma kinitx għall-użu esklussiv tiegħek*", biex b'hekk l-istess imputazzjoni saret waħda ta' pussess 'sempliċi' ta' droga kokaina[1];

Rat illi ċ-ċitazzjoni odjerna ġiet intavolata fir-Reġistru ta' din il-Qorti mill-Prosekuzzjoni fl-24 ta' Frar 2011;

Rat ukoll illi din il-Qorti, kif diversament preseduta, appuntat l-istess kawża għall-ewwel smiegħ għad-19 ta' Ġunju 2012;

Rat in oltre illi din il-kawża ġiet assenjata lill-Maġistrat sedenti bl-assenjazzjoni tad-doveri tat-30 ta' April 2014;

Rat illi fis-seduta tad-9 ta' Jannar 2015, il-partijiet iddikjaraw li kienu qed jeżentaw lill-Qorti kif preseduta milli terġa' tisma' l-provi mressqa sa dakinhar quddiem il-Qorti kif diversament preseduta;

Semgħet ix-xhieda, rat l-atti kollha tal-każ u d-dokumenti esebiti, inkluż l-Ordni tal-Avukat Ġenerali bis-saħħa tas-sub-artikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi (Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta), sabiex din il-kawża tinstema' minn din il-Qorti bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-fatti fil-qosor li taw lok għal dan il-każ kienu s-segwenti:

[1] Ara a fol. 50 tal-proċess.

Nhar is-26 ta’ Settembru 2010, għall-ħabta tas-1.00 a.m.[2], il-Pulizija ġew infurmati illi ġewwa l-‘Amigo Bar’, il-Marsa, kien hemm persuna li kellha d-droga fil-pussess tagħha. Hemmhekk il-Pulizija sabu lill-imputat odjern, u nnutawh jipprova jarmi *sachet* żgħir, suspettat li kien jikkontjeni d-droga. Din is-sustanza ġiet esebita mill-Ispettur Joseph Agius bħala Dok. JA 1. L-imputat irrilaxxja stqarrija lill-Pulizija Eżekuttiva nhar is-26 ta’ Settembru 2010, liema stqarrija tinsab esebita a fol. 3 u 4 tal-proċess.

Mir-relazzjoni tal-espert maħtur minn din il-Qorti fil-mori tal-proċeduri, ix-Xjenzat Godwin Sammut, jirriżulta illi huwa ngħata *envelope* ta’ lewn kannella mmarkat S/B/230/2012 li kien fih borża tal-plastik li fiha trab ta’ lewn abjad.

Mill-konklużjonijiet tal-istess espert dwar l-analiżi li huw għamel fuq l-imsemmi dokument, jirriżulta illi fuq estratti meħuda mit-trab ta’ lewn abjad li hemm fl-istess dokument, instabet is-sustanza ***Lidocaine***. Il-piż tat-trab kien ta’ 0.96 grammi. Skont l-istess espert, għalkemm din is-sustanza mhix ikkontrollata, il-*Lidocaine* jintuża bħala *adulterant* fil-kokaina.

Għaldaqstant fid-dawl tal-konklużjonijiet tal-imsemmi espert, l-element materjali tar-reat ikkontemplat fl-ewwel imputazzjoni ma jirriżultax ippruvat. Konsegwentement, la darba ma tirriżultax reita` dwar din l-imputazzjoni, lanqas ma tista’ tirriżulta t-tieni imputazzjoni ossia l-addebitu tar-reċidiva.

**Konklużjoni**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti qed issib lill-imputat **George Frendo** mhux ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu u qegħda tilliberah minnhom.

Fiċ-ċirkostanzi mhijiex tikkundanna lill-imputat għall-ħlas tal-ispejjeż konnessi mal-ħatra tal-espert nominat mill-Qorti.

Tordna d-distruzzjoni tas-sustanza esebita bħala Dok. JA 1, hekk kif din is-sentenza tgħaddi in ġudikat.

Natasha Galea Sciberras
Maġistrat

[2] PC 1589 Tariq Sheik jixhed illi l-każ seħħ nhar id-29 ta’ Settembru 2010, iżda kemm mix-xhieda tal-Ispettur Joseph Agius, kif ukoll mir-rapport redatt minn PS 163 Robert Azzopardi u kkonfermat minnu fil-mori tal-proċeduri, jirriżulta illi l-każ seħħ fis-26 ta’ Settembru 2010. Jirriżulta wkoll illi l-istqarrija tal-imputat ittieħdet nhar is-26 ta’ Settembru 2010 u għalhekk huwa evidenti illi d-data ndikata minn PC 1589 Tariq Shaik hija erronja.